

*Appellat:* Landkreis Harburg

### **Domanda preliminari**

Organu pubbliku li pprovda lil kreditur ta' manteniment b'benefiċċi ta' għajnuna soċjali skont dispożizzjonijiet tad-dritt pubbliku jista' jipprevalixxi ruħu mill-qorti tal-post fejn il-kreditur ta' manteniment għandu r-residenza abitwali tiegħu skont l-Artikolu 3(b) tar-Regolament Nru 4/2009 (¹) fil-każ li ježi, fuq bażi surrogatorja, kontra d-debitur ta' manteniment, il-kreditu ta' manteniment ta' natura ciwilji tal-kreditur ta' manteniment li, minħabba l-għoti tal-għajnuna soċjali, ġie ttransferit lilu permezz ta' surroga legali?

---

(¹) Regolament (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liggi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligli ta' manteniment (ĠU 2009 L 7, p. 1).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesverwaltungsgericht (il-Ġermanja) fis-16 ta' Lulju 2019 –  
BZ vs Westerwaldkreis**

**(Kawża C-546/19)**

(2019/C 348/09)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### **Qorti tar-rinviju**

Bundesverwaltungsgericht

### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: BZ

Konvenut: Westerwaldkreis

### **Domandi preliminari**

1. a) Il-projbizzjoni ta' dħul maħruġa kontra ċittadin ta' pajiż terz għal finniet "mhux marbuta mal-migrazzjoni" taqa' fi kwalunkwe każ fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajiż illegalment (¹), jekk l-Istat Membru ma jkunx għamel użu mill-possibbiltà taħt l-Artikolu 2(2)(b) ta' din id-direttiva?
- b) Fil-każ li r-risposta li tingħata għall-punt (a) tal-ewwel domanda tkun fin-negattiv: tali projbizzjoni ta' dħul hija eskużha mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/115 anki jekk, indipendentement mid-digriet ta' tkeċċija maħruġ fil-konfront tiegħu, iċ-ċittadin ta' pajiż terz huwa resident illegali u b'hekk jaqa', bħala prinċċju, fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva?
- c) Projbizzjonijiet ta' dħul maħruġa għal finniet "mhux marbuta mal-migrazzjoni" jinklu du projbizzjoni ta' dħul maħruġa inkonnessjoni ma' ordni ta' tkeċċija għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika u ordni (fil-każ innej: biss għal raġunijiet kawtelatorji ġenerali fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-terroriżmu)?

2. Fil-każ li r-risposta li tingħata għall-ewwel domanda tkun fis-sens li l-projbizzjoni ta' dħul taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/115:
- L-irtirar amministrattiv ta' deċiżjoni ta' ritorn (jiġifieri, f'dan il-każ, l-ordni ta' tneħħija) jimplika l-illegalità tal-projbizzjoni ta' dħul (fis-sens tal-Artikolu 3(6) tad-Direttiva 2008/115), maħruġa fl-istess żmien tad-deċiżjoni?
  - Ikun hemm din il-konsegwenza legali anki jekk l-ordni ta' tneħħija amministrattiva li tkun ippreċediet id-deċiżjoni ta' ritorn tkun (saret) definitiva?

(<sup>1</sup>) ĠU 2008, L 348, p. 98.

### Rikors ippreżentat fit-22 ta' Luju 2019 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju ta' Spanja

**(Kawża C-559/19)**

(2019/C 348/10)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

#### Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Hermes, E. Manhaeve u E. Sanfrutos Cano, aġenti)

Konvenut: Ir-Renju ta' Spanja

#### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tiddikjara li, billi naqas milli jadotta l-miżuri neċċesarji sabiex jevita d-deterjorament tal-istat tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art tar-reġjun ta' Doñana, billi naqas milli jwettaq karakterizzazzjoni addizzjonali ta' dawk li jirrappreżentaw riskju, mingħajr lanqas ma ddetermina l-miżuri neċċesarji, u billi naqas milli jinkludi fil-programm ta' miżuri tal-Pjan tal-Immaniġġjar tal-Baċin tax-Xmara għad-Distrett tal-Baċin tax-Xmara tal-Guadalquivir miżuri bażiċi u supplimentari xierqa, ir-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obbligli tiegħu taħt l-Artikolu 4(1)(b), moqri flimkien mal-Artikolu 1(a) u mal-punt 2.1.2 tal-Anness V; taħt l-Artikolu 5, moqri flimkien mal-punt 2.2 tal-Anness II; u taħt l-Artikolu 11(1), (3)(a), (c) u (e), u (4), tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika ta' l-ilma (<sup>1</sup>);
- tiddikjara li, billi naqas milli jadotta l-miżuri adatti sabiex jevita d-deterjorament tal-habitat naturali u tal-habitat tal-ispeċi li wasslu għan-nominazzjoni taż-żoni hawn ikkunsidrati (ŻPSGH/SIK ES0000024 Doñana, ŻPSGH/SIK ES6150009 Doñana Tramuntana u Punent u ŻPSGH ES6150012 Dehesa del Estero u Montes de Moguer), ir-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obbligli tiegħu taħt l-Artikolu 6(2), moqri flimkien mal-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (<sup>2</sup>);
- tikkundanna lir-Renju ta' Spanja għall-ispejjeż.